MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 66/2005

**Joseph (I.D. 501657M) u Maria Luana siva Luana (I.D. 670762M) konjugi Zammit ta' San Frangisk, Triq l-Gherien, Bahar ic-Caghaq**

**vs**

**Francis Scicluna (I.D. 883249M) personalment u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Equal Company Limited (C8763) ta' Demais, Triq il-Pedidalwett, Swieqi**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attrici li biha l-atturi wara li ppremettew:

Illi in forza ta' kuntratt ippublikat minn Nutar Dottor Peter Fleri-Soler fit-12 t'Awissu 2003 il-konvenut Francis Scicluna ddikjara li hu veru, cert u likwidu debitur tal-konjugi Joseph u Maria Theresa Konjugi Buhagiar fis-somma ta' mija u hmistax-il elf seba' mija u erbghin lira (Lm115,740) in linea ta' flus lilu mislufa brevi manu qabel it-12 t'Awissu 2003.

Illi l-konvenut Francis Scicluna, fuq l-istess kuntratt, obbliga ruhu li jirrestitwixxi l-imsemmija somma flimkien ma l-imghax ta' tmienja fil-mija fis-sena dekorribbli mit-3 ta' Lulju 2003 sat-3 ta' Lulju 2004; b'dan illi s-somma ta' Lm7,870 bhala parti mill-kapital flimkien ma sitt xhur interessi fuq is-somma dovuta, cioe` Lm4,630, b'kollox Lm12,500, il-konvenut obbliga ruhu li jhallashom lill-konjugi Buhagiar fit-3 ta' Jannar 2004.

Illi fuq l-istess kuntratt is-socjeta` konvenuta u l-atturi solidalment mal-konvenut iggarantew l-imsemmija obbligazzjoni tal-konvenut Francis Scicluna li jirrestitwixxi l-imsemmija somma bl-imghax lill-konjugi Buhagiar kif fuq inghad; b'dan illi fil-kaz ta' l-atturi l-imsemmija garanzija kienet limitata biss ghas-somma ta' hamsin elf lira, inkluz l-imghax.

Illi l-atturi sabu ruhhom f'sitwazzjoni fejn kellhom jonoraw l-imsemmi obbligu taghhom ta' garanti solidali naxxenti mill-kuntratt fuq indikat tat-12 t'Awissu 2003 u hallsu lill-Joseph Buhagiar personalemnt u bhala eredi universali ta' martu Maria Theresa, li mietet fil-frattemp, hamsin elf lira (Lm50,000) akkont ta' dejn ta' Lm115,740 u l-imghax illi l-konvenut Francis Scicluna kellu maghhom u per konsegwenza permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri Soler datat 19 ta' Lulju 2004 (DOK B) l-atturi gew rilaxxati mill-obbligi kollha taghhom naxxenti mill-kuntratt tat-12 t'Awissu 2003.

Illi l-konvenuti obbligaw ruhhom illi jhallsu lill-atturi l-

imsemmija somma ta' hamsin elf lira fit-18 ta' Dicembru 2004 u ghal dan l-iskop taw lill-attur cheque ta' Lm50,000 datat 18 ta' Dicembru 2004 (Dok C).

Illi dan ic-cheque ma giex onorat.

Illi ghalkemm interpellati jhallsu din is-somma ta' hamsin elf lira, il-konvenuti hallsu biss ghaxart elef lira (Lm10,000) u ghalhekk ghad fadlilhom ihallsu lill-atturi Lm40,000.

Illi ghalhekk l-atturi talbu lil-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi u dispensat is-smiegh tal-kawza a ternur ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u in vista ta' l-affidavit ta' Joseph Zammit (Dok D) m'ghandux minn din il-Qorti:

1. Jigu solidalment ikkundannati li jhallsu lill-atturi s-somma bilancjali ta' erbghin elf lira fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mit-18 ta' Dicembru 2004 kontra l-konvenut proprio et nomine li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tal-atturi;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti u li l-istess naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonjiet u ghalhekk baqghu kontumaci.

Rat in-nota ta' cessjoni ta' l-atturi fil-konfront tas-socjeta` konvenuta datata 7 ta' Marzu 2006.

Semghet ix-xhieda ta' Dr Pierre Lofaro ghall-atturi li kkonferma li l-ammont tas-sorte ghadu dovut mill-konvenut Francis Scicluna.

Semghet l-Avukat ta' l-atturi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Mejju 2006 fejn il-konvenut Francis Scicluna imsejjah diversi drabi baqa' ma deherx.

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata, fil-konfront tal-konvenut Francis Sciculna.

Illi ghalhekk din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi**, billi stante c-cessjoni tat-talba attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta u fil-kontumacja tal-konvenut Francis Scicluna proprio, tiddeciedi billi **tilqa' t-talba** tal-atturi kif dedotta fic-citazzjoni biss fil-konfront tal-konvenut Francis Scicluna u tikkundannah ihallas lill-atturi s-somma bilancjali ta' erbghin elf lira Maltija (Lm40,000) kif indikat fic-citazzjoni attrici.

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali mit-18 ta' Dicembru 2004 kontra l-konvenut Francis Scicluna proprio.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------